31989R1584

L 156/15 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 8.6.1989

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 1584/89
tas-7 ta' Ġunju 1989
dwar il-klassifika ta' ċertu oġġetti fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] dwar in-nomenklatura tat-tariffi u ta' l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1495/89 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi sabiex tiġi assigurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, hu neċessarju li jiġu adottati miżuri li jikkonċernaw il-klassifika ta' l-oġġetti li għalihom hemm referenza fl-Anness għal dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 jipprovdi għal regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kwalunkwe nomenklatura oħra li hi totalment jew parzjalment bażata fuqha jew li żżid kwalunkwe suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hi mwaqqfa permezz ta' disposizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, bil-għan li jiġu applikati tariffi jew miżuri oħra li jirrelataw mal-kummerċ fl-oġġetti;

Billi, skond l-imsemmija regoli ġenerali, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa ma' dan ir-Regolament għandhom jiġu klassifikati taħt il-kodiċi NM xierqa indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet imniżżla fil-kolonna 3;

Billi l-Kumitat tan-Nomenklatura ma tax opinjoni fiż-żmien stipulat miċ-*chairman* tiegħu,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa klassifikati fi ħdan in-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet NM xierqa indikati fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 ġurnata wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun japplika direttament fl-Istati Membri kollha..

Magħmul fi Brussell, fis-7 ta' Ġunju 1989.

Għall-Kummissjoni

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, pġ. 1.
[2] ĠU L 148, ta' l-1.6.1989, pġ. 1.

ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-affarijiet	Klassifika tal-kodiċi NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Sett ta' lbies tan-nisa jew tfajliet għall-bejgħ bl-imnut, li jikkonsisti f': — ilbies magħmula minn materjal ħafif maħdum bil-labar (55 % fibri magħmula mill-bniedem u 45 % qoton) iddisinjat biex jintlibes fuq il-ġisem, li jaqa' sewwa 'l isfel mill-qadd, li jgħatti s-sider u l-parti ta' fuq tad-dahar, bla kmiem, u li għandu l-iskollatura ta' l-għonq maqtugħa 'l isfel fuq quddiem. Dan l-ilbies għandu biċċa lastiku (wiesgħa 2,5 ċm) fil-bażi tiegħu. (Ara r-ritratt 431 A fl-Appendiċi (*)).	Libsa ta' fuq: 6114 30 00	Il-klassifika hija determinata bid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, bin-nota 13 għall-Artikolu XI, bin-nota 3 (b) għall-Kapitolu 61, bin-nota addizzjonali għall-Kapitolu 61, kif ukoll bit-testi tal-kodiċijiet NM 6108 u 6108 22 00, 6110 u 6110 30 99 u 6114 u 6114 30 00 Il-parti ta' fuq ta' l-ilbies ma tistax titqies bħala lbies li jissapportja l-korp skond il-kodiċi NM 6212 billi ma huwiex iddisinjat biex jaqdi din il-funzjoni.
— *briefs* ta' l-istess materjal, komposizzjoni u kulur bħall-parti ta' fuq ta' l-ilbies. (Ara r-ritratt 431 b fl-Appendiċi) (*)	*Briefs*: 6114 20 00	
2. Ilbies magħmul minn materjal ħafif, maħdum bil-labar (100 % qoton) għan-nisa u t-tfajliet u disinjat biex jintlibes fuq il-ġisem, li jaqal isfel sew mill-qadd, li jgħatti s-sider u bl-għonq skullat quddiem u wara. Dan l-ilbies għandu żewġ qarsiet fuq quddiem approssimament ta' 5 ċm li jestendu mill-bażi li hija ftit miġmugħa u għandu biċċa lastiku (approssimament 1,5 ċm wiesgħa). (Ara r-ritratt 432 fl-Appendiċi) (*)	6114 20 00	Il-klassifika hija determinata bid-disposizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, bin-nota addizzjonali għall-Kapitolu 61 kif ukoll bit-testi tal-kodiċijiet NM 6110 u 6110 20 99, u 6114 20 00 Il-karatteristiċi ta' dan l-ilbies mhumiex suffiċjenti biex jiġi klassifikat taħt il-kodiċi NM 6212 billi m'għandux funzjoni ta' sapport

(*) Ir-ritratti huma biss ta' natura illustrattiva

Appendix


FRONT
DEVANT
VORDERSEITE
4 3 1 A


BACK
DERRIÈRE
RÜCKSEITE
4 3 1 A


4 3 1 B


FRONT
DEVANT
VORDERSEITE
4 3 2


BACK
DERRIÈRE
RÜCKSEITE
4 3 2